**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 TA' LULJU, 2002**

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 1992/01 AE**

**Maltacom plc**

**Vs**

**The Computer Training Courses Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm474.38), hlas ta' servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar taghmir tat-telekomunikazzjoni li gie

pprovdut mis-socjeta attrici bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Ra li ghalkemm mill-atti jirrizulta li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, naqset milli tidher ghas-seduti u tikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha lill-Inginier Joseph Agius, impjegat tas-socjeta attrici, jikkonferma bil-gurament:

(a) Id-dokumenti JA1 u JA2;

(b) Li l-apparat kien jikkonsisti f'modems;

(c) Li l-merkanzija in kwistjoni giet ittestjata u certifikata li hija konformi ma' l-*istandards*. Is-socjeta attrici tat l-awtorizazzjoni taghha sabiex il-merkanzija tigi rilaxxata mill-Kontrollur tad-Dwana.

(d) Li l-hlas dovut lis-socjeta attrici kien ta' zewg terzi dak indikat fid-dokument JA2, u dan skond ftehim li kien intlahaq bejn is-socjeta attrici u r-Regolatur.

3. Is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda provi. Skond l-Artiklu 13 tal-Kap. 380, meta konvenut jonqos li jidher ghas-smiegh tal-kawza,*“il-Gudikatur ghandu jisma’ u jaqta’ l-kawza fl-assenza tal-konvenut”*.

4. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz jirrizulta li servizz gie provdut mis-socjeta attrici u t-talba giet ippruvata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija u sittax-il lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm316.25), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

# Gudikatur